# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd

Il-Ħadd 25 ta' Marzu 2018

Ħadd il-Palm u l-Passjoni tal-Mulej

Sena B

**Introduzzjoni**

Hekk kif ir-Randan resaq lejn tmiemu, ejjew nidħlu fil-Ġimgħa Mqaddsa, li hi l-akbar ġimgħa għalina l-Insara permezz tal-liturġija ta' dan il-Ħadd. Illum ser naraw li minkejja d-daħla trijonfali tiegħu, Kristu kien jaf li kien riesaq lejn is-siegħa tiegħu, siegħa li kienet ta' glorja tassew, imma li kienet differenti minn dak li kienu qed jaħsbu l-bnedmin.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Is 50, 4-7)

Kristu joffri lilu nnifsu għall-bnedmin kollha u jikseb ir-rebħa fuq il-ħażen.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 21)

Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?

**It-Tieni Qari** (Fil 2, 6-11)

Biex isalvana, Kristu sar bniedem bħalna u Alla għollieh fil-glorja tiegħU.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Il-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu skont San Mark)

Kif għidna fil-bidu, illum il-Knisja Mqaddsa tipproklama l-Passjoni tal-Mulej Ġesù. Illum ser nisimgħu r-rakkont tal-Passjoni ta' Sidna Ġesù skont San Mark u ser naraw kif Ġesù daħal fit-tbatija bħala dik it-triq li kellha twasslu lejn il-Glorja.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira ta' dan ir-rakkont tal-Passjoni billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien "Glorja u tifħir lilek, Kristu!".

(Qabel ma jibda jinqara r-rakkont tal-Passjoni, l-animatur jgħid: *"Nistgħu noqogħdu bilqegħda."*)
(X'ħin tinqara l-biċċa: "U ħaduh 'il barra biex isallbuh", l-animatur jista' jgħid: *"Inqumu bilwieqfa."*)
(X'ħin tinqara l-biċċa "Imma Ġesù għajjat għajta kbira u radd ruħu." L-animatur jgħid: *"Ninżlu għarkubbtejna u nżommu ftit ħin ta' skiet sabiex naduraw il-mewt ta' Kristu."*)

**Offertorju**

Mal-offerta ta' Sidna Ġesù fuq is-salib, noffru t-tbatijiet u n-niket tagħna, fiduċjużi li Alla ser jibdlilna dan in-niket tagħna fil-ferħ.
Ejjew inressqu l-offerti tagħna f'riġlejn l-artal, filwaqt li nkantaw flimkien.

**Tqarbin**

Kif Ġesù offra lilu nnifsu għalina fuq il-Kalvarju, hekk jibqa' joffri lilu nnifsu għalina taħt forma ta' ħobż u nbid kull darba li nersqu biex nirċevuh fit-tqarbin imqaddes.
Nersqu għat-Tqarbin bi spirtu ta' talb u ta' ġabra, filwaqt li nkantaw flimkien.